Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Numru: 315 / 2015

Il-Pulizija

vs

Louis Galea

Illum, 17 ta' Ottubru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Louis Galea, iben Antonio, imwieled Rabat, fid-9 ta' Marzu, 1950, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 255750(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar l-20 ta' Dicembru, 2014 ghall-habta tal-10:10am fl-inhawi tal-Imtahleb u f' dawn il-Gzejjer waqt stagun miftuh ha, jew ipprova jiehu b' xi mezz, xi ghasfur meta ma ssodisfax il-kundizzjonijiet kollha specifikati fil-Licenzja Specjali ghall-insib limitat tal-Ghasafar tal-Ghana fil-Harifa tal-2014 mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi u f' kull ligi ohra u cioe' nasab fuq sit/i li ma giex approvat/i mill-Wild Birds Regulations Unit bi ksur ta' kundizzjoni numru 5 bi ksur ta' regolament 12(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71), u bi ksur ta' regolament 9 tal-A.L. 253 tal-2014 hekk kif emendat (L.S. 504.124);

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm jew kellu fil-pussess tieghu aktar minn total ta' wiehed u ghoxrin (21) ghasfur tal-ghana/bghula uzati bhala ghajat u tahrik (live-decoys) waqt li kien fis-sit fejn isir l-insib, irrispettivament minn numru

ta' persuni li ghandhom il-licenzja registrata fuq l-istess sett ta' mnasab bi ksur ta' kundizzjoni numru 12; bi ksur ta' regolament 12(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71), u bi ksur ta' regolament 9 tal-A.L. 253 tal-2014 hekk kif emendat (L.S. 504.124),

Il-Qorti giet mitluba li bis-sahha ta' regolament 27 tal-A.L. 79 hekk kif emendat (L.S.504.71) barra li taghti l-piena skont il-ligi, tordna il-konfiska tal-corpus delicti u s-sospenzjoni jew ir-revoka ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u atht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghal perjodu applikabbli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Mejju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat ir- Regolament 12(1) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 504.71 bi ksur tar-Regolament 9 tal-AL 253 tal-2014 hekk kif emendat LS 504.124 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant kkundannatu multa ta' elf u hames mitt ewro (€1,500). Ordnat il-konfiska tal-oggetti ezebiti u ordnat is-sospenzjoni tal-licenzja ghal sentejn.

Rat ir-rikors tal-appellant Louis Galea minnu pprezentat fit-8 ta' Gunju, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-esponenti minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi, u rigwardanti l-piena, subordinatament u minghajr preguzzju ghall-aggravji dwar il-mertu, f' kaz li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija, illi tvajra u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliggi piena aktar ekwa u gusta skond il-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe' :-

Illi l-esponenti sejjer jitratta l-aggrvaji tieghu billi: fl-**ewwel lok**, umilment juri kif mill-provi ammissibli provduti mill-prosekuzzjoni ma jirrizultawx l-elementi necessarji sabiex jigu pruvati z-zegwt imputazzjonijiet, u konsegwentament, dan il-fatt ghandu jwassal ghall-liberazzjoni tal-imputat, qua appellanti; **fit-tieni lok**, sejjer jissottometti bir-rispett, kif minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, dak li qalu l-

pulizija fl-affidavit taghhom dwar dak li qal l-esponenti meta dan tal-ahhar gie mistoqsi ghandu jigi skartat inter alia stante li lill-esponenti ma nghatawlux id-drittijiet li kull persuna ghandu dritt ghalihom meta jkun qed jigi investigat; u **fit-tielet u l-ahhar lok**, illi strettament minghajr pregudizzju dwar l-aggravji l-ohra kollha, illi kellha tinghata piena aktar miti.

**A. MILL-PROVI AMMISSIBLI PROVDUTI MILL-PROSEKUZZJONI MA JIRRIZULTAWX L-ELEMENTI NECESSARJI TAR-REATI**

L-esponenti jibda billi jaghmilha cara li fid-data u l-hin li hemm imnizzel fic-citazzjoni, i.e. fl-20 ta' Dicembru 2015, fl-10.10hrs, l-insib kien permess legalment.

L-esponenti però gie akkuzat talli kien qed jonsob f' sit li ma kienx approvat mill-Wild Birds Regulation Unit, kif ukoll li kellu fil-pussess tieghu izjed minn 21 ghasfur uzati bhala ghajat u tahrik (live-decoys) waqt li kien fis-sit fejn isir l-insib irrispettivament minn numru ta' persuni li ghandhom il-licenzja registrata fuq l-istess sett ta' mnasab.

Ghall-ahjar kjarezza ta' hsieb l-esponenti sejjer jghaddi sabiex fl-ewwel lok jitratta l-aggravji dwar it-tieni imputazzjoni, sabiex imbaghad jghaddi biex jitratta l-aggrvaji dwar l-ewwel imputazzjoni.

**A.1) It-tieni imputazzjoni - iktar minn 21 ghasfur**

Rigward it-tieni imputazzjoni l-esponenti fl-ewwel lok, jibda billi jigbed l-attenzjoni ghall-fatt illi kif inhi redatta l-imputazzjoni, ic-citazzjoni ma hijiex korretta fejn hemm referenza ghal "sit fejn isir l-insib". Minflok tali kliem, skond it-test tal-ligi, ghandu jkun hem mil-kliem "stazzjon minn fejn isir l-insib".

Dan ir-reat infatti johrog minn regolament 7(k) tal-L.S. 504.124 li jghid testwalment:

*"li n-numru totali ta' għasafar tat-taħrik u għajat* *f'kull stazzjon minn fejn isir l-insib*[1] *m' għandux jaqbeż il-wieħed u għoxrin (21) għasfur tal-għana u, jew ibridi irrispettivament min-numru ta' persuni li għandhom il-liċenza reġistrati fuq l-istess stazzjon u tipprovdi ukoll li l-istazzjon minn fejn isir l-insib m' għandux ikollu aktar minn total ta' seba' (7) għasafar tat-taħrik u għajat mill-istess speċi ta' għasfur tal-għana u, jew ibridi tagħhom;"*

L-esponenti umilment jissottometti li tali differenza fl-uzu tal-kliem hija importantissima, u dan stante li anke l-istess legislatur fir-regolament 2 tal-L.S. 504.122 jaghmel distinzjoni bejn "*stazzjon minn fejn isir l-insib*" u "*sit minn fejn isir l-insib*".

Regolament 2 jghid testwalment li:

*"sit minn fejn isir l-insib" jew "sit" ifisser dik iż-żona mmarkata b' mod ċar fuq mappa approvata mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi skont ir-regolament 5(4) ta' dawn ir-regolamenti u reġistrata mal-Kummissajru tal-Pulizija u li m' għandhiex aktar minn żewġ (2) stazzjonijiet minn fejn isir l-insib għal kull liċenza;*
*"stazzjon minn fejn isir l-insib" tfisser il-periferija*[2] *ġewwa s-sit tal-insib li tikkonsisti f' mhux aktar minn żewġ imnasab minn dura waħda, b' kull xibka ta' daqs ta' mhux aktar minn 38 metru kwadru, u l-istazzjon minn fejn isir l-insib jista' jkun reġistrat fuq persuna waħda jew aktar li jkollha l-liċenzja, u ż-żewġ imnasab ikunu immarkati individwalment fuq il-mappa approvata;*

Dawn iz-zewgt definizzjonijiet juru li stazzjon minn fejn isir l-insib hija differenti minn sit minn fejn isir l-insib.

Infatti l-istazzjoni minn fejn isir l-insib huwa parti zghira mis-sit minn fejn isir l-insib, u l-istazzjoni jinsab gewwa "within" is-sit tal-insib. L-istazzjoni minn fejn isir l-insib ghalhekk huwa effettivament kompriz mill-imnasab [clap-nets] (li ma jistghux ikunu aktar minn 2 ghal kull dura) liema imnasab irid ikollhom ix-xbieki taghhom mhux aktar minn 38 metru kwadru. It-test tal-ligi bl-Ingliz ikompli jikkorrobora dan li qed

---

[1] Sottolinear tal-esponenti.
[2] Bl-ingliz riferuta bhala "footprint area"

jghid l-esponenti permezz tal-uzu tal-kliem: "*the footprint area within the live-capturing site containing not more than two pairs of horizontal clap-nets per live-capturing station, with each net having an area not larger than 38 square metres...*"

Ghalhekk, l-istazzjoni minn fejn isir l-insib hija allura dik l-area li tkun koperta bix-xbieki tradizzjonali maghrufa bhala clap-nets, liema area ma jistax ikollha iktar minn zewgt settijiet ta' xbieki.

Is-sit minn fejn isir l-insib huwa mbaghad iz-zona mmarkata mill-Wild Brids Regulation Unit, liema zona jista' jkollha sa massimu sa zewgt stazzjonijiet ghall-kull licenzja. Is-sit minn fejn isir l-insib hija allura zona ikbar mill-istazzjoni, u infatti jista' jkollha zewgt stazzjonijiet, u konsegwentament erbat imnasab [clap-nets][3] .

Fatta din l-osservazzjoni dwar it-test tal-ligi, l-esponenti umilment jissottometti illi allura, fid-dawl tal-principju, nullum crimen sine lege, il-gudikant fil-gudizzju tieghu ghandu jara jekk l-provi kif mressqa mill-prosekuzzjoni iwasslux ghall-htija kif kontemplata skond it-test ezatt kif misjub fir-regolament 7 (k) tal-L.S. 504.124 u mhux kif ghogbu jiktibha l-prosekuzzjoni fic-citazzjoni.

Fid-dawl tal-premess, biex tirrizulta pruvata it-tieni imputazzjoni, l-esponenti umilment jirrileva li l-prosekuzzjoni kellha tipprova mhux biss numru ta' ghasafar li huwa iktar minn 21, izda kellha wkoll tipprova li tali ghasafar izjed minn 21 kienu qeghdin fuq "l-istazzjoni minn fejn isir l-insib".

L-esponenti però umilment jirrileva li mill-provi prodotti l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova biss li kien hemm madwar 60 ghasafur tal-ghana go karma maghluqa, u mhux fuq il-mansab uzat bhala ghajat jew live-decoys.

Xi provi gabu l-prosekuzzjoni?

[3] Filwaqt li stazzjon jista' jkollha massimu ta' zewgt imnasa biss ghal kull dura.

PC 633 Bartolo jghid fl-affidavit tieghu li waqt li huwa kien qed jiehu xi dettalji ta' xi nassab iehor, u wara li zewgt kollegi minn tieghu marru qablu fuq is-sit mertu tal-kaz in kwistjoni, u wara li mar jilhaq ghalhekk lill-kollegi tieghu, huwa *ra "zewgt persuni li wiehed minnhom kien qed jonsob".*

Iz-zewgt kollegi l-ohra tieghu però, li marru qablu fuq il-post ghaliex kienu huma li ghamlu l-ewwel osservazzjoni, igiddbu lill-kollega taghhom PC 633 u filwaqt li PC 804 jghid li huma kull ma raw kien "*zewgt persuni hdejn mansab jigbru xi ghasafar tal-ghana*", it-tielet pulizija jghid li rahom jigbru l-gageg fil-kamra. Dawn iz-zewgt pulizija però ma jghidux li rawh jonsob izda jigbor l-ghasafar go karma.

Di più, aktar importanti minn hekk, hadd minn dawn it-tlett pulizija ma jghid kemm raw gageg u ghasafar fuq barra, jekk hux inqas minn 21 jew aktar.

X' hin imbaghad it-tlett pulizija jaslu fuq il-post, it-tlieta li huma jikkonfermaw li huma ma raw l-ebda ghasfur fuq barra u wara li staqsew lill-appellanti fejn kienu l-ghasafar, u wara li staqsewh biex jiftah il-kamra li kienet maghluqa, huma sabu madwar 60 ghasfur tal-ghana. Il-pulizija jidher ukoll li fehmet li tali ghasafar ma kienux kollha tal-esponenti, u infatti hemm referenza ghal xi twissija li kienet inghatat xi ftit tal-jiem qabel fejn skond il-pulizija l-esponenti kien nghata twissija li ma setax ihalli ghasafar f'sit tal-insib ta' haddiehor.

Il-prova li tidher li giet ippruvata minghajr dubju dettat mir-raguni hija li go din il-kamra li l-pulizija sabu maghluqa kien hemm 60 ghasfur tal-ghana. Il-pulizija jidher li accettaw li dawk l-ghasafar ma kienux kollha tieghu, u d-difiza in sostenn tal-premess, ressqet ukoll zewgt xhieda li spjegaw li minn dawk l-ghasafar, kien hemm 40 li kienu ta' zewgt persuni ohra li kienu qed jonsbu aktar kmieni filghodu u telqu ftit qabel ma gew il-pulizija.

Però, l-esponenti umilment jissottometti illi, anke jekk ghall-grazzja tal-argument, u ghall-grazzja tal-argument biss, wiehed kellu jaccetta li dawn is-60 ghasfur kienu kollha tal-esponenti, dan il-fatt wahdu xorta ma jista' qatt iwassal ghall-htija tat-tieni

imputazzjoni. Filwaqt illi huwa minnu li 60 huwa numru ikbar minn 21, mill-banda l-ohra l-projbizzjoni li tohloq il-ligi ma hijiex projbizzjoni li dak li jkun ikollu 60 ghasfur izda projbizzjoni li dak li jkun ikollu iktar minn 21 ghasfur f' kull stazzjon minn fejn isir l-insib.

Mill-banda l-ohra, skond id-definizzjoni ta' "*stazzjon minn fejn isir l-insib*", u fid-dawl tal-ispjegazzjonijiet fil-paragrafi supra, il-kamra in kwistjoni ma taqax f' din id-definizzjoni ta' stazzjon. Il-kamra in kwistjoni, li hija kamra li kif xehedu x-xhieda in difesa, hija kamra fejn hemm cooker, u sodod u affarjiet ohra tal-hajja ta' kuljum, hija kamra li ma ghandhiex x' tasqam mal-imnasab jew kif riferuti bl-ingliz *' clap-nets'* .

Tant huwa minnu li l-legislatur f' din il-projbizzjoni kein qed jirreferi ghall-ghasafar li jkunu fuq il-mansab per se, li l-legislatur jitkellem dwar ghasafar li jintuzaw bhala "*ghajat*" u "*live-decoys*". Ghasafar go gagga go kamra, waqt li jkunu gol-kamra, ma jistghu qatt jintuzaw bhala "ghajat" jew "live-decoys" ghal skopijiet ta' insib!

Ghal fini ta' kompletezza, huwa minnu li wiehed mill-pulizija PC 633 jghid li wiehed miz-zewgt persuni kienu qed jonsob, però b' kull dovut rispett, hija, bir-rispett, inkredibbli kif allajbierek iz-zewgt pulizija li innutaw lill-esponenti l-ewwel u marru l-ewwel fuq il-post, jghidu li raw biss lill-esponenti jigbor il-gageg gol-kamra, u dan PC 633, li ma marx mal-ewwel fuq l-ispezzjoni stante li kien qed jiehu dettalji ta' xi nassab iehor, jghid li ra wiehed miz-zegwt persuni jonsob! Konsegwentament, l-esponenti umilment jissottometti illi fid-dawl tal-fatt illi l-verzjoni ta' PC 633 hija kontradetta minn shabu stess, dak li qed jallega PC 633 ghandu jigi skartat. Apparti minn hekk il-kliem tal-istess PC 633 "*huwa ammetta li kien qed jonsob*", fid-dawl tal-osservazzjoni supra, jaghti x' jifhem ukoll li, probabilment, PC 633 wasal ghall-ewwel konkluzzjoni biss a bazi tal-ammissjoni tal-esponenti u mhux ghax raha huwa stess b' ghajnejh.

Huwa minnu wkoll li l-pulizija jghidu li l-esponenti ammetta maghhom li kien qed jonsob. Dwar din l-ammissjoni u l-ammissibiltà taghha, l-esponenti ser jressaq is-sottomissjonijiet tieghu fit-tieni aggravju, però f' dan l-istadju, u ghal fini tat-tieni

imputazzjoni, l-esponenti umilment jirrileva bir-rispett, li tali ammissjoni, jekk ritenuta ammissibli xorta wahda ma twassalx ghall-htija tat-tieni imputazzjoni. Dan ghaliex minn imkien ma tirrizulta xi ammissjoni li l-esponenti kien qed jonsob b' 60 ghasfur.

Detto l-premess, infatti, anke jekk ghall-grazzja tal-argument, u ghall-grazzja tal-argument biss, wiehed kellu joqghod fuq dak li qed jallega PC 633, u/jew fuq l-ammissjoni tal-esponenti, xorta wahda tali verzjoni ma hijiex bizzejjed biex tinstab htija tat-tieni imputazzjoni. Dan ghaliex, il-fatt wahdu li l-esponenti fl-20 ta' Dicembru 2014 fl-10.10hrs kien qed jonsob ma huwiex illegali. Jigi illegali jekk il-pulizija tipprova li huwa kien qed jonsob b' aktar minn 21 ghasfur tal-ghana. Però tali prova ma tinstab imkien in atti.

In ultimo analizi, huwa minnu wkoll li z-zewgt ufficjali l-ohra tal-pulizija jallegaw li huma raw lill-esponenti idahhal l-gageg gol-kamra. Mill-banda l-ohra, però minn imkien ma jirrizulta in-numru ta' dawn il-gageg kemm kien - setghu kienu ghaxar gageg, jew ghoxrin, izjed jew iktar. Dwar in-numru - punt importanti li jrid jigi pruvat *sine qua non* ghar-reat in kiwstjoni - hemm lacuna kbira, liema lacuna ghandha twassal favur il-liberzzjoni tal-esponenti. Il-presuppozizzjonijiet u l-possibilitajiet fil-kamp penali ma humiex prova. Kollox huwa possibli taht il-kappa tax-xewx, izda fil-kamp penali l-elementi ghandhom jigu pruvati u pruvati minghajr dubju deddat mir-raguni.

Fin-nuqqas ghalhekk ta' prova dwar kemm kien hemm ghasafar fuq barra, jekk kien hemm; fid-dawl tal-fatt li l-unika prova li ressqu l-pulizija kienet li kien hemm 60 ghasfur go kamra maghluqa, u mhux fuq l-istazzjoni tal-insib; u fid-dawl ukoll tal-provi in difesa, li urew li dawn l-ghasafar kienu ta' tlett persuni u mhux tal-esponenti biss, l-esponenti umilment jtenni li din it-tieni imputazzjoni ma gietx pruvata skond il-grad rikjest mill-ligi u konsegwentament ghandu jigi liberat minnha.

**A.2) L-ewwel imputazzjoni - insib fuq sit li mhux registrat**

Fl-ewwel lok l-esponenti jibda' billi umilment jirrileva li ghalkemm l-imputazzjoni hija dwar insib f' sit li mhux approvat mill-WRBU, fil-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti ma tela' l-ebda xhud tal-WBRU sabiex jixhed dwar is-sit in kwistjoni fejn instab l-esponenti, u/jew dwar liema huwa s-sit approvat li minnu Louis Galea seta' jonsob.
Apparti minn hekk, c-citazzjoni bhala lok, issemmi biss fl-inhawi tal-Imtahleb.

Fit-tielet lok, it-tlett ufficjali tal-pulizija ma jidentifikawx il-post bl-ezatt fejn marru jaghmlu l-ispezzjoni, izda juzaw biss il-kliem fil-inhawi tal-Imtahleb.
Dawn it-tlett fatturi, tenut kont tan-natura tar-reat, fl-umili fehma tal-esponenti huma digà bizzejjed biex iwasslu ghal-liberazzjoni tal-esponenti mill-ewwel imputazzjoni stante ma nagbet l-ebda prova li l-esponenti kellu permess biex jonsob f' zona A per ezempju, u minflok dan instab jonsob f' zona B. Il-prosekuzzjoni kellha bil-fors tressaq dawn iz-zewgt provi flimkien, u mhux wahda jew l-ohra, ghaliex altrimenti ma jissussitux l-elementi materjali kollha tar-reat.

Ghall-kompletezza, jista' jkun li l-prosekuzzjoni waslet biex takkuza lill-esponenti bl-ewwel imputazzjoni billi strahet fuq dak li allegatament qal l-esponenti lill-pulizija fuq il-post.

Kif digà sar accenn aktar kmieni f' dan ir-rikors ta' appell, l-esponenti jirrileva illi ma jirrizultax li l-esponenti inghata twissija fuq il-post u gie moghti d-drittijiet tieghu, allura dak li allegatament qal lill-pulizija ghandu jigi skartat.

Madanakollu, strettament minghajr pregudizzju ghal dan l-aggravju dwar l-ammisibilità o meno ta' dak li allegatament qal l-appellanti, l-esponenti, ai fini ta' kompletezza biss, sejjer xorta wahda jitratta dak li allegament qal l-esponenti. L-esponenti sejjer ghalhekk jaghmel dan u juri wkoll, kif anke jekk ghall-grazzja tal-argument tali dikjarazzjoni kellha titqies bhala ammissibli, xorta wahda l-ewwel imputazzjoni ma tkunx giet sodisfacentament ipruvata.

Jidher li t-tlett pulizija jghidu li l-esponenti ammetta maghhom li "*huwa kien qed jonsob*".

Li ma jghidux però l-pulizija huwa fejn l-esponenti qalilhom li kien qed jonsob.

Il-fatt li wiehed jiddikjara li huwa kien qed jonsob waqt stagun miftuh ma fiha xejn illegali. Ergo, u fid-dawl ukoll tan-natura tar-reat ipotezzat fl-ewwel imputazzjoni, tali dikjarazzjoni, anke jekk kellha tigi accettata mill-gudikant, xorta wahda ma twassalx ghall-htija tal-ewwel imputazzjoni. Dan ghaliex tali dikjarazzjoni ma titkellimx dwar il-lok li fih l-esponenti kien qed jonsob!

Dwar imbaghad id-dikjarazzjoni li l-appellanti kien jaf li kien qed jonsob f' sit li huwa bhala permess biex jonsob fih hu, l-esponenti umilment jirrileva li fix-xiehda tal-pulizija stess hemm kunflitt li jwassal ghal dubju dwar x' verament allegatament qal l-esponenti.

PC 633, li kif digà intwera iktar il-fuq, wera' certu entuzjazmu zejjed, u bir-rispett, skorrett, fl-affidavit tieghu fis-sens li ma jaghmilx distinzjoni dwar dak li effettivament ra u gara, u dak li kkonkluda hu stess minn jeddu, jghid li l-esponenti allegatament "*ammetta li kien jaf b' dan kollu u li kien jaf li kien qed jonsob f' sit li huwa bla permess biex jonsob.....*".

PC 804 mill-banda l-ohra però jghid li l-esponenti ammetta li gimgha qabel kien gie infurmat mill-maggur li ma setax ihalli l-ghasafar fil-kamra fejn ikun hemm persuna ohra tonsob, u jzid ukoll li "*irrizulta ukoll li f' dik il-gurnata kien qieghed jonsob f' site li ma kellux permess biex jonsob fuqha*".

Din l-ahhar frazi tindika li ma kienx l-esponenti li ammetta, izda li l-pulizija waslet ghal din il-konkluzzjoni a bazi ta' xi prova ohra - liema prova però l-esponenti ma jafx liema hi, u li liema prova quddiem l-Ewwel Qorti ma ngabitx.

Din d-diskrepanza fix-xiehda tal-prosekuzzjoni stess, fl-umili fehma tal-esponenti twassal ghall-kunflitt u dubju sejru dwar x' effettivament qal l-esponenti, u konsegwentament, ma tistax' tittiehed in konsiderazzjoni sabiex twassal ghall-htija.

Apparti minn hekk, l-esponenti jaghmel ukoll umili referenza ghall-provi in difesa, fejn xhud partikolari xehed li l-appellanti ma kienx qed jonsob fil-post fejn gie mwaqqaf mill-pulizija.

**B. DAK LI QALU L-PULIZIJA FL-AFFIDAVIT TAGHHOM DWAR DAK LI QAL L-ESPONENTI META DAN TAL-AHHAR GIE MISTOQSI GHANDU JIGI SKARTAT**

Fl-ewwel lok, jigi umilment rilevat illi nonostante li l-esponenti kien qed jigi investigat fuq reat, fl-affidavits tal-pulizija hemm assenza totali dwar il-fatt jekk l-esponenti giex moghti s-solita twissija u infurmat dwar id-drittijiet tieghu una volta qed jigi investigat. Una volta, l-esponenti malli kien qed jigi investigat/mistoqsi ma nghatax id-dritt tieghu illi jitkellem mal-avukat di fiducja u d-dritt tas-silenzju, kwalunkwe dikjarazzjoni li saret mill-appellanti fuq il-post ghandha tigi skartata. Dan anke fid-dawl ta' gurisprudenza kopjuza fuq il-materja.

Fl-ahhar lok, u minghajr pregudizzju ghal dak sottomess fil-paragrafu supra, anke jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss, wiehed kellu jaccetta id-dikjarazzjoni tal-esponenti dwar il-fatt li kien qed jonsob, bir-rispett, din l-allegata dikjarazzjoni xorta wahda ma tikkostitwixxix htija tal-imputazzonijiet kif dedotti. Dan minhabba li hija nieqsa minn karatteristici importantissimi, biex tinstab htija ghaz-zewgt imputazzjonijiet in kwistjoni, bhala ma huma f' liema post effettivament kien qed jonsob[4] u b' kemm ghasfur kien qed jonsob[5].

**C. KELLHA TINGHATA PIENA AKTAR MITI**.

---

[4] Element materjali li jrid jigi pruvat sine qua non ghall-ewwel reat.
[5] Element materjali li jrid jigi pruvat sine qua non ghat-tieni reat.

L-esponenti fl-ewwel lok, umilment jissottometti, illi strettament minghajr pregudizzju ghall-fatt illi l-esponenti qed jikkontendi illi huwa ghandu jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, jekk dina l-Onorabbli Qorti xorta wahda joghgobha b' kull dovut rispett, l-piena li nghatat mill-Ewwel Qorti ghandha tigi f' kull kaz ridotta, stante li hija wahda esagerata tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b' mod specjali meta wiehed iqabbel il-kaz odjern ma kazijiet simili jew iktar gravi minn dan, fejn xorta wahda il-kazijiet l-ohrajn inghataw pieni iktar miti mis-sentenza odjerna.

Fit-tieni lok, f' kaz li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' parzjalment l-aggravji tal-appellant, b'dan li jigi liberat minn imputazzjoni wahda u mhux miz-zewgt imputazzjonijiet, l-esponenti umilment jissottometti illi dan ukoll ghandu jwassal awtomatikament ghall-riduzzjoni fil-piena.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) xehdu il-Maggur George Attard, Stanley Gatt, Louis Gauci u Sandro Galea. Din ix-xhieda izda ma kinitx dattilografata. Gie pprezentatat dokument bid-dettalji tal-imputat u ircevuta tal-oggetti elevati, datata l-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014). A fol 7 f'envelop gew ipprezentati l-licenzja Specjali ghall-Insib limitat tal-Ghasafar tal-Ghana fil-Harifa tal-2014 taht kondizzjonijeit strettament sorveljati, dokument b'*site plan* u l-Carnet De Chasse.

**PC804 Leonard Formosa** permezz ta' affidavit iddikjara li nhar l-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) ghal habta ta' 10.10hrs waqt li kien xoghol ma S.M489 hu PC633 fuq ronda fl-inhawi tal-Mtahleb hu u Maggur osservaw zewg persuni hdejn mansab jigbru xi ghasafar tal-ghana. Meta huma avvicinaw hdejhom u staqsew min kienet il-persuna responsabbli li kienet qieghda tonsob certu Louis Galea bin-numru tal-karta tal-identita' 255750(M) bin Antonio u Antonia nee' Farrugia mwieled ir-Rabat fid-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elf, disa' mija u hamsin (1950) residenti 18, Joy Celouis, Triq Nerik Sacco, Marsa qal li hu kien qieghed jonsob. Meta huma staqsewh fejn kienu l-ghasafar qal li kien hadhom siehbu li kien telaq minn fuq il-post u talbuh biex jiftah il-kamra li kien hemm hdejn id-dura, dan qalilhom li ma kellux cwievet tal-kamra izda meta huma komplew jinsistu mieghu dan qalilhom li kellu. Meta fetah il-kamra, go fiha kien hemm diversi ghasafar tal-ghana li kienu madwar sittin (60). Louis Galea li ftit tal-gimghat qabel kien gie informat mill-Maggur fil-prezenza tieghu li ma setghax ihalli l-ghasafar fil-kamra fejn ikun hemm persuna ohra tonsob f'site registrat ma W.B.R.U qalilhom li kien jaf, irrizulta ukoll li f'dik il-gurnata kien qieghed jonsob f'site li ma kellux permess biex jonsob fuqha. Ghalhekk ix-xhud eleva il-licenzja specjali ghall-insib tal-Ghasafar tal-Ghana fil-harifa, is-site plan, il-Carnet De Chasse, ghaxar (10) crikett li kienu tmienja (8) bojod u tnejn (2) hodor. Hareg ircevuta bin-numru -0005120. Gie infurmat li sejrin jittiehdu passi kontrih bil-Qorti.

A fol 9 u 10 gew ipprezentati dokumenti mahruga mill-Ufficju tal-Armi.

**P.C.633 Christopher Bartolo** permezz ta' affidavit iddikjara li nhar l-ghoxrin (20) ta' Dicembru waqt li kien patrol ma PC804 u SM489 ghal habbta ta' 10.00hrs ta' filghodu u fl-inhawi tal-imtahleb kienu qed jaghmlu spezzjonijiet fuq nassaba u kaccaturi PC804 u SM489 imxew aktar il quddiem, filwaqt li x-xhud kien qed jikteb id-dettalji ta' nassab. F'dak il-mument f'distanza vizibli u spjegabli setgha jifhem li l-kollegi tieghu sabu xi ksur ta' ligi, ghalhekk haffef jigri fuq il-post mal-kollegi tieghu u ra zewg persuni li wiehed minnhom kien qed jonsob li kien certu Louis Galea bin-numru tal-karta tl-identita' 255750M bin Antonio u Antonia nee' Farrugia, immwieled ir-Rabat fid-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elf, disa' mija u hamsin (1950) u

joqghod 18, Joy celouis, Triq Nerik Sacco, Marsa. Hu ammetta li kien qed jonsob. Saqsewh jekk ghandux xi ghasafar mohbija u beda jwiegeb li siehbu hadhom mieghu ghax telaq, malli qal hekk huma talbuh jiftah il-kamra li kellu bizwit il-karma cioe dura minn fejn jonsob. Beda jwiegeb repetutament li ma ghandux cwievet. Wara li huma komplew jinsistu, Louis ammetta li kellu cwievet u fetah il-kamra. Fil-kamra kien hemm varjazzjoni ta' ghasafar tal-ghana bl-ammont ta' sittin (60) ghasfur. Meta staqsewh jekk kienux kollha tieghu, wiegeb li parti minnhom ta' siehbu li telaq minn fuq il-post. Waqt dan kollu, il-kollegi tieghu fakkru lil Louis li granet qabel kien ga gie imwissi li ma setghax ihalli l-ghasafar fil-kamra fejn ikun hemm persuna ohra tonsob fuq is-sit registrat mal-WBRU u ammetta li kien jaf b'dan kollu u li kien jaf li kien qed jonsob f'sit li huwa bla permess biex jonsob fuq il-post ikkoncernat. Minnu fih giet elevata il-licenzja ghall-insib tal-ghasafar tal-ghana ta' site plan, il-Carnet De Chhasse, ghaxar (10) crikett li kienu tmienja (8) bojod u tnejn (2) hodor li nharget ircevuta ghalihom bin-numru 0005120. Huma avzwh li ser jittiehdu passi bil-Qorti.

A fol 12 gie ipprezentat dokument b'zew screen shots ta' google maps.

Il-**Maggur George Attard** xehed quddiem din il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta fis-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017). Xehed li kienu qegdin jaghmlu *inspection* fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), kienu qed jiccekkjaw persuna u erba' (4), hames (5) ghelieqi l-boghod raw zewg persuni jigbru l-ghasafar minn fuq il-mansab u jdahluhom f'kamra u bdew jaghmluha ripettutament. Issuspetta li kien hemm xi haga hazina u telaq jigri fuq il-post u sakemm wasal fuq il-post, il-mansab sabu minghajr ghasafar, jigifieri kien armat, miftuh u kollox. Iz-zewg persuni, l-imputat u persuna ohra kienu bilqeghda fil-vettura u l-kamra maghluqa. Is-Sinur kien gharfu ghax kien kelmu f'kazi precedenti u qallu biex jiftahlu l-kamra. Qallu li ma ghandux cavetta tal-kamra. Ix-xhud baqa jinsisti u wasal biex qallu li ha jkisser il-katnazz, u mbaghad accetta, hareg ic-cavetta mill-but u fetahlu u kien hemm l-ghasafar kollha mferxin bl-addocc. Meta talbu l-licenzja, rrizultalu li ma' kienx irregistrat fuq dak il-mansab biex jonsob fuq dak il-mansab.

In kontro-ezami ikkonferma li fethu din il-kamra u sabu l-ghasafar. Mistoqsi '*Inkun nghid tajjeb illi din il-kamra go fiha hemm cooker, sink, hemm anke xi saqqu, u hija kamra fejn hemm diversi oggetti biex dak li jkun ikun jisa jidhol u jsajjar xi haga?*' wiegeb '*Jista jkun, iva. Generalment il-kmamar kollha hekk ikunu kollha.*' Ikkonferma li ma kinitx kamra vojta, qal li kamra normali. Qal li mhux dura. Kamra maghluq bil-bieb tal-hadid.

**Stanley Gatt** xehed quddiem din il-Qorti fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019). Xehed li llum il-gurnata huwa jahdem l-ERA qieghed fil-Compliance and Enforcement Compliance unit u jmexxi t-team tar-regolamenti ghall-harsien tan-natura, pero' fiz-zmien li kien inkixef dan il-kaz, kien imexxi l-specialist enforcement branch tal-Wild Birds regulation. Huwa kien gie mitlub mill-Pulizija sabiex jesebixxi sample kopji tal-licenzji tal-imputat Louis Galea li joqghod 18, Joelouis, Triq Nerik Sacco, il-Marsa. Dan mir-rekords tieghu kien irrizultalu li kellu licenzja li kienet limitata ghall-insib tal-ghasafar tal-ghana. Il-licenzja kienet marbuta man-numru tal-mobile partikolari cioe' 79285090. Kien irrizultalu li s-Sur Louis Galea ma kienx iddikjara qbid ta' finches matul dak l-istagun partikolari. Il-kaz kien imur lura ghall-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014). Ir-ricerka tieghu kienet limitata ghal dak l-istagun partikolari li kien jiftah fl-ghoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) u kien jaghlaq fil-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), iz-zewg dati inkluzi. Qatt ma ddikjara qbid ta' ghasafar tal-ghana. Xehed li '*jekk qatt ma ddikjara teknikament wieħed jistenna li dan ma qabad xejn għaliex l-obbligazzjoni kienet illi once li inti taqbad immedjatament timmarka u tirapporta by virtue of an sms u dika is-sisema dak iz-zmien kelli aċċess għaliha u llum ma għandux jiġifieri jien qed inħares lejn ir-report.*' Ma ddikjara xejn. B'referenza ghad-dokumenti a fol 7 qal li l-ewwel karta hija propja l-licenzja li tkun inharget lill-individwu. Dwar it-tieni dokument jghid li ha jaghmel '*an educated guess*', jghid li qed jara kopja ta' pjanta u meta bniedem japplika ghall-licenzja tal-insib, qabel kellu jirregistra l-art fejn kien intenzjonat illi jonsob, u meta l-licenzja tintbghat id-detentur tal-licenzja kien obligat illi jannetti mal-licenzja din il-mappa. Jghid li ma kienx prezenti meta dan id-dokument gie pprezentat, gie elevat.

Mistoqsi dwar id-dokument li hemm donnu tidher qisha site plan ta' bicca art, qal li ltaqa maghhom matul il-process tar-registrazzjoni tal-artijiet ghal skopijiet ta' insib. Jghid li '*għal fini tar-regolamenti li kien japplika għad-deliniation tal-art illi fuqha setgħa jsir l-insib. Jiġifieri the individual numbers 1, 5 and 5 dawk il-plots ...*' Jghid li '*But definately a border around a site, tkun qed tiddilinija l-post fejn hu kien awtorizzat illi jonsob.*' Jekk instab jonqos x'imkien iehor, l-licenzja mhix valida. Ikkonferma li dan id-dokument kien jiltaqa' mieghu meta wiehed kien jirregistra l-post fejn hu normalment jonsob. Spjega li '*l-obbligazzjoni tal-licence holder kinet illi once li jiriċievi l-liċenzja l-oriġinali jatteċċja l-kopja tar-reġistrazzjoni tal-art magħha u l-liċenzja hekk bħala pakkett kienet tkun valida. Valida ovvjament limitata għal da is-sit. Jiġifieri jiena meta jsiru l-kontrolli fuq is-sit, il-pulizija kien obbliggat illi l-ewwel nett primarjament jara li tezisti site plan imwaħħla mall-liċenzja inkella l-liċenzja mhix valida mbagħad illi l-persuna qiegħed propju jonsob fuq dak is-site illi huwa mmarkat u mhux x'imkien ieħor.*' Xehed li fuq is-sie ma marx. Il-pjanta taghtih x'tifhem li l-kaxxa zghira gewwa il-kaxxa kbira tirraprezenta l-mansab. Hija mahruga minn dak li qabel kien il-predecesur tieghu, kien id-Dipartiment tal-Agrikoltura. Dan wiehed mid-Dipartimenti fejn kien qed jirregistra l-artijiet ghal skopijiet ta' agrikoltura. Jghid li kaxxa numru hamsa (5) huma artijiet elementi mhux eligibbli. Jghid li artijiet element mhux elegibbli kienu ghal skopijiet ta' sussidji allura tfisser illi dik il-plot mhux qed tintuza ghal skopijiet agrikoli.

Mistoqsi dwar 'X co ordinate u Y co ordinate' fuq id-dokument qal li dak tohrog mill-mappa, huwa c-centru tal-ghalqa jigifieri '*the centre of the plot.*' Jghid li illum il-gurnata hawn sistemi tal-IT jigifieri tista' ssir kemm fuq il-website taghhom illum il-gurnata tal-EA u kemm minn fuq il-website tal-planning authority. Kemm iddahhal l-X u Y coordinates u tiehdok, jidhirlu anke fuq google earth tista' taghmilha. Jghid li hemm standards differenti madwar id-dinja. Il-ktieb iz-zghir jghid li huwa '*carne des cha*'[6] li suppost jidentifika l-persuna, l-holder. Fuq wara hemm l-isem u l-indirizz tal-persuna li hija licenzjata, jidentifika x'tip ta' licenzja l-individwu ghandu u huwa l-booklet li fih il-kaccaturi jew nassab f'dan il-kaz huwa ghall-insib tal-ghasafar jigifieri huwa nassab, jiddikjara l-qbid tieghu. Mistoqsi fejn wiehed jista' jiddikjara jew jikteb

[6] Din il-Qorti tifhem li din il-parti tat-traskrizzjoni ghandha taqra 'Carnet de Chasse'.

kemm qabad wiegb li '*In the individual boex fejn hemm il-vojt. Per eżempju jiena qed nara page 7. Għandu entries fit-20 th October, numri tal-kaxxa fejn kont qed tonsob number 44 dak li joħroġ minn survey sheet ...*' Jghid li n-numru 44 '*huwa the centre, iż-żewġ paġni tan-nofs jiġifieri biex niftemu hemm pjanta illi taqsam lil Malta in one square km grids, jiġifieri mhux qed ngħidu hawn hekk the individual issa trapping site, hija art kbira expanse ta 1 km, illi fejn inti tindika d-data, l-area, n-numru abbonat mal-għasfur li qbadt illi joħroġ minn paġna numru 6. Jiġifieri għal kull speċi ta' għasfur hemm numru allura wieħed irid idaħħal dak il-kodiċi u kemm qabad. Anke kien hemm l-obbligazzjoni li timmarka anke meta inti ma qbadt xejn...*' Jghid li f'area 44 fl-20 Ottubru, 21, 22, 23, 24 teknikament qed jghid li ma qabad assolutament xejn, hareg u ma qabad xejn.

Mistoqsi dwar folio 12 hemm coordinates, jghid li jekk mhux sejjer zball inotta li dan jirreferi ghal XY coordinates li huma sistema differenti u dan qed jirreferi bin-northings u eastings. Trid taghmilha fuq kompjuter. Mistoqsi dwar toroq, jghid li l-ewwel irid konferma li l-mapep it-tnejn qed iharsu lejn in-North. Jghid li '*it has to be done digitially.*'

In kontro-ezami kkonferma li l-unika konnessjoni li kellu ma' dan il-kaz tal-ghoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) kienet sabiex jiccekja jekk l-imputat jew le qabadx finches sa dik id-data jew le. Dak li ntalab jaghmel mill-Pulizija ughalhekk dka kien l-involvimet tieghu relatat ma' dan il-kaz. Mir-rekords tieghu ma rrizultax li qabad. Mistoqsi jekk ghandux prova kuntrarja lis-Sur Galea qabad relattivament finches, jghid li le li dakinhar tal-ispezzjoni ma kienx qieghed on site. X'qabad fizikament ma jafx.

Dwar registrazzjoni tas-sit, jghid li jkollok pjanta registrata li tkun giet sottomessa fil-process partikolari jigifieri jkun hemm perjodu ta' zmien fejn persuna tmur tiddikjara s-site fejn wiehed ha jkun ha jonsob. Jissottometti dik il-pjanta lill-awtoritajiet, kopja taghha tmur fir-rekords tal-awtoritajiet u kopja ohra tigi annessa mal-licenzja. Ikkonferma li kien jahdem fi hdan WBRU l-enforcement branch. Ikkonferma li dawk iz-zewg karti bil-kundizzjonijiet bil-Malti u l-Ingliz johorgu mid-WBRU. Is-site plan jikkonferma li ma tohrogx mid-WBRU izda li dik obbligat illi licence holder la darba jircievi l-licenzja jannettiha maghha. WBRU qatt ma harget site plans, site plan tista'

tingieb minghand il-Planning Authority, ARPA, id-Dipartiment tal-Agrikoltura. Ikkonferma li l-obbligu huwa li min ser japplika ghal licenzja jrid jaghti kopja tas-site plan, dik trid tigi registrata u tifforma parti integrali mal-licenzja biex l-insib isir propju fejn hemm indikat fis-site plan. Ikkonferma li hi ma tohrogomx izda tipprocessahom una volta jigu provduta lilha. Ma ghandux idea fejn kien qieghed jonsob Louis Galea fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014). Id-dokumenti fl-envolop rahhom illum l-ewwel darba. Xehed li setgha jzomm fil-kustodja tieghu waqt l-attivita' tal-insib sa massimu ta' wiehed u ghoxrin (21) ezemplari. Ikkonferma li mill-istess ezemplari ma jistax ikollok izjed minn sebgha (7). Ikkonferma li dawn l-ghasafar il-massimu ta' wiehed u ghoxrin (21) jitpoggew fuq in-net imdawwrin maghha. Ikkonferma li jitpoggew bhala decoys. Kull min hu licenjzat kellu limitu ta' wiehed u ghoxrin (21) ghasfur u qatt ma setgha juza izjed minn sebgha (7) ezemplari tal-istess speci jew inkella anke l-bawla taghhom, kienet tapplika l-bawla taghhom. Dawn johorgu mill-kundizzjonijiet tal-licenzji kollha kemm huma.

Id-difiza fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) irrinunzjat ghax-xhieda taghha.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti;

1. Illi fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) skont l-affidavit ta' P.C.804 Leonard Formosa, hu flimkien ma' SM 489 u PC633 kienu fuq ronda fl-inhawi tal-Mtahleb meta gew osservati zewg persuni jigbru ghasafar minn fuq mansab u jdahhluhom f'kamra;

2. Skont dak li jirrizulta mill-affidavit ta' PC 804 Leonard Formosa; meta PC 804 Leonard Formosa u l-Maggur avvicinawhom, sabu li l-persuna li kienet qieghda tonsob kienet Louis Galea;

3. Il-Maggur George Attard xehed li sakemm avvicinahom, ma sab l-ebda ghasfur fuq il-mansab;

4. PC 633 Christopher Bartolo kien f'distanza vizibli fejn setgha jara li l-kollegi tieghu sabu xi ksur ta' ligi ghalhekk haffef u mar fuq il-post hdejn il-kollegi tieghu;

5. Mill-affidavits ta' PC 804 Leonard Formosa u ta' PC 633 Christopher Bartolo, l-appellant ammetta li kien qieghed jonsob u li kien jaf li kien qieghed jonsob f'sit li ma kellux permess biex jonsob fuqha.;

6. Fuq insistenza mill-Maggur sabiex tinfetah il-kamra biswit fejn kien allegatament kien qieghed isir l-insib, wara li l-appellant cahad li kellu c-cwievet, l-appellant ta' c-cwievet, infethet il-kamra u nstabu madwar sittin (60) ghasfur tal-ghana;

7. Ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant.

Din il-Qorti sejra tibda' biex tikkunsidra t-tieni aggravju u cioe dak bl-ittra 'B' u dan in vista tal-fatt li jekk it-tieni aggravju jigi milqugh, din il-Qorti tiskarta kwalunkwe dikjarazzjoni li l-appellant setgha qal lil Pulizija u lill-membri tal-Korp tal-Pulizija. Filfatt, permezz tat-tieni aggravju, l-appellant issottometta li fl-affidavits tal-Pulizija hemm assenza totali dwar il-fatt jekk l-appellant giex moghti s-solita twissija u nfurmat dwar id-drittijiet tieghu una volta qed jigi investigat. Skont l-appellant, una volta huwa malli kien qed jigi investigat/mistoqsi, ma nghatax id-dritt tieghu illi jitkellem mal-Avukat di fiducja u d-dritt tas-silenzju, kwalunkwe dikjarazzjoni li saret mill-appellant fuq il-post ghandha tigi skartata.

Quddiem l-Ewwel Qorti gew ipprezentati zewg affidavits, u cioe' dik ta' P.C. 804 Leonard Formosa u dik ta' P.C.633 Christopher Bartolo. Minn dawn iz-zewg affidavits, minn imkien ma jirrizulta jekk l-appellant inghatax it-twissija u cioe' d-dritt li jikkonsulta Avukat u d-dritt tas-silenzju. Meta l-Maggur George Attard xehed quddiem din il-Qorti diversament preseduta fis-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) huwa spjega li '*konna qed naghmlu inspection fl-ghaxra ta' filghodu*

*(10:00am), kif ghidtlek fl-ghoxrin ta' Dicembru elfejn u erbatax (20/12/2014), konna qed niccekkjaw persuna u erba, hames ghelieqi l-boghod, rajna zewg persuni jigbru l-ghasafar, jaqbdu l-ghasafar minn fuq il-mansab u jdhaluhom f' kamra u bdew jaghmluha ripetutament.* ***Jiena ssuspettajt*** *illi kien hemm xi haga hazina, tlaqt nigri fuq il-post u sakemm wasalt fuq il-post, il-mansab sibtu minghajr ghasafar, jigifieri kien armat, miftuh u kollox. Iz-zewg persuni, l-imputat u persuna ohra kienu bilqeghda fil-vettura u l-kamra maghluqa. Is-Sinjur kont gharaftu ghax kont kellimtu f'kazi percedenti, u ghidlu biex jiftahli l-kamra..'* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

Minn imkien mill-atti ma jirrizulta jekk l-appellant inghatax id-drittijiet tieghu inkluz id-dritt tas-silenzju qabel ma gie mitkellem. Din il-Qorti tqis li hemm linja fina bejn persuna li mhijiex suspettata ghal meta persuna ssir suspettata. Mill-fuq citata parti mix-xhieda tal-Maggur George Attard, jirrizulta li meta huwa mar fuq l-appellant, kien gia qieghed jissuspetta li fi kliemu hemm '*xi haga hazina*'. B'dan il-kliem din il-Qorti tifhem li kien hemm suspett ta' ksur ta' ligi. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellant kien gia qieghed jitqies bhala persuna suspettata.

Id-DIRETTIVA 2013/48/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat-22 ta′ Ottubru 2013 dwar id-dritt ta′ aċċess għas-servizzi ta′ avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta′ mandat ta′ arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma′ partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà fl-artikolu 21 tal-preambolu tipprovdi li

*'Fejn persuna li ma tkunx persuna suspettata jew akkużata, bħal xhud, issir persuna suspettata jew akkużata, dik il-persuna għandha tiġi protetta mill-awtoinkriminazzjoni u jkollha d-dritt li tibqa′ siekta, kif ikkonfermat mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk din id-Direttiva tagħmel referenza espliċita għas-sitwazzjoni prattika fejn tali persuna ssir persuna suspettata jew akkużata, matul l-interrogazzjoni mill-pulizija jew awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja fil-kuntest tal-proċedimenti kriminali. Fejn, matul tali interrogazzjoni, persuna li ma tkunx persuna suspettata jew*

*akkużata ssir persuna suspettata jew akkużata, l-interrogazzjoni għandha tiġi sospiża minnufih.*'

L-artikolu 658 tal-Kapitolu 9 illum permezz tal-Att LI tal-2016 jaqra:

'*Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub, b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.*'

Meta sehhew l-allegati reati, it-trasposizzjoni tad-Direttiva 2014/48/UE ma kinitx ghada sehhet filwaqt li trasu l-artikolu 658 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma kienx jaqra kif inhu llum il-gurnata. Skont dak li jipprovdi l-artikolu 21 tal-preambolu ta' din id-Direttiva, hekk kif persuna tkun ikkunsidrata bhala suspettata, ghandha tinghata d-drittijiet kollha u dan sabiex tigi protetta mill-hekk imsejha 'awtoinkriminazzjoni'. Ma jirrizultax li l-appellant gie arrestat jew interrogat dwar dan il-kaz izda din il-Qorti mill-atti tifhem li kwalunkwe dikjarazzjonijiet maghmulha mill-appellant saru waqt li huwa gie mitkellem fuq is-sit. Din il-Qorti sejra ghalhekk tqis jekk la darba ma jirrizultax jekk l-appellant inghatatlux it-twissija, ghandhiex din il-Qorti tqis kwalunkwe dikjarazzjoni li l-appellant setgha ta' anke jekk moghtija verbalment fuq is-sit.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'<u>Il-Pulizija v. Josef Borg</u>'**[7] gie kkunsidrat:

**'8.** *It-tieni aggravju jirrigwarda dak li hemm fit-tieni paragrafu tat-tieni paġna ta' l-affidavit ta' P.S. 1176 li jikkontjeni dak li allegatament qal l-appellant wara li ġie arrestat. Dwar dan l-appellant josserva illi ma jirriżultax jekk ġiex mogħti s-solita twissija u nfurmat bid-drittijiet tiegħu una volta taħt arrest. Lanqas ma hemm indikazzjoni minn min ġie arrestat. Inoltre, ikompli jsostni l-appellant, ma jirriżultax jekk l-allegata ammissjoni saritx direttament lil P.S. 1176. Għalhekk, u anki peress illi ma ngħatax id-dritt li jitkellem ma' l-avukat ta' fiduċja tiegħu, kwalunkwe dikjarazzjoni li saret meta kien taħt arrest għandha tiġi skartata. Fl-*

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' April, 2015 (Appell Numru 529/12 DS)

*aħħarnett l-appellant jgħid illi anke jekk għall-grazzja ta' l-argument biss, wieħed kellu jaċċetta id-dikjarazzjoni tiegħu, din xorta ma tikkostitwixxix ħtija ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti għax nieqsa minn karatteristiċi importanti bħalma huma d-data u l-inċident li l-appellant kien qiegħed jirreferi għalihom.*

**9.** *Wara li fl-affidavit tiegħu P.S. 1176 jgħid x'qallu P.S. 430, huwa jgħid hekk: "Aktar tard ġie stabbilit illi s-sewwieq tal-vettura msemmija huwa ċertu Josef Borg, I.D. 578391(M) magħruf bħala l-zwan. Fejn bi stħarriġ li għamilt, interċettajt lil Borg u ġie arrestat. Minn naħa tiegħu Borg qal illi beda jipprova jaħrab minn P.S. 430 għax beda jibża' peress li ma kellux liċenzja tas-sewqan."*

**10.** *Issa, fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta' Ġunju 2014 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Omar Psaila****, fejn kellu jiġi deċiż jekk kellux jiġi injorat dak li l-appellat f'dak il-każ kien qal lill-uffiċjali tal-Pulizija qabel ma saret stqarrija bil-miktub, intqal hekk:*

> *"M'hemmx dubju li l-appellat <u>ingħata twissija mill-Pulizija qabel ma beda jitkellem</u>. Dan il-punt joħroġ mix-xhieda mogħtija mit-tliet uffiċjali.*
>
> *"L-artikolu 658 tal-Kap 9 huwa importanti ferm għax jista' jintuża f'każ li persuna ma tkun wieġbet għall-ebda mistoqsija fl-istqarrija bil-miktub iżda tkun tkellmet dwar l-għemil li wettqet. Dak li jgħid imputat lil xi persuna oħra jista' jittieħed bħala prova u ma jitqiesx bħala hearsay.*
>
> *"Jekk wieħed iqis il-kriterji li ssemmew kemm fis-sentenza 'Charles Steven Muscat kontra l-Avukat Ġenerali' kif ukoll fis-sentenza 'Taliana Anthony kontra l-Kummissarju tal-Pulizija', wieħed jikkonkludi li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet ikkonsidrat dak li l-appellat qal lill-Pulizija. L-appellat kellu 27 sena meta huwa tkellem mal-Pulizija u għalhekk ma kienx minorenni. Barra minn dan, din ma kenitx l-ewwel darba li sab ruħu fil-kwartieri tal-Pulizija kif jirriżulta ċar mill-fedina penali tiegħu. <u>Barra dan hu kien ingħata t-twissija qabel ma tkellem.</u> Ma jirriżulta minn imkien li l-appellat kien b'xi mod kostrett jitkellem. Tant li meta saret l-istqarrija bil-miktub huwa ma ta ebda tagħrif li kellu x'jaqsam mal-*

*imputazzjonijiet ta' dan il-każ saħansitra meta saret domanda diretta dwar dak li kien qal lill-Pulizija qabel ma bdiet l-istqarrija." (sottolinear ta' din il-Qorti)*

***10.*** *Fil-każ odjern, il-Pulizija arrestat lill-appellant bħala l-**"persuna suspettata"**. Huwa minnu li ma tteħditlux stqarrija bil-miktub, iżda bħala persuna suspettata arrestata, meta interrogat mill-Pulizija, kellu jingħata twissija (ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri**, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Jannar 2014). Minn dak li jgħid P.S. 1176 ma jirriżultax illi ngħatat tali twissija. Konsegwentement dak li allegatament qal l-appellant lill-Pulizija, mingħajr ma ngħata tali twissija, ma jistax jittieħed bħala prova.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet 'I**l-Pulizija vs Claude Formosa'**[8] gie kkunsidrat li:

*'Zgur li ma jistax jinghad li f'dan il-kaz meta is-surgent talab lill-appellant sabiex imur mieghu l-ghassa sabeix ighati kampnjun tan nifs ma nsitghu nghidu li l- appellant ma kienx qed jigi kunsdirat bhala suspettat ta' reat. Ghalhekk multo magis l-appellant kellu dritt li jkkun assistit minn avukat molto piu meta kien hu stess li talab li huh jkukn prezentai waqt it-tehid.*

*Fil-fatt il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem testendi it-tifsira ta' "criminal charge" mill-mument illi persuna tkun ser tigi affetwata minn xi att investigattiv tal-pulizija.(ara **Alexander Zaichenko vs Russia**[9] – 18/02/2010):*

*"The Court reiterates that in criminal matters, Article 6 of the Convention comes into play as soon as the peson is"charged"; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court, such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when the preliminary investigations were opened. 'Charge' for the purposes of article 6(1) may be defined as the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence" a definition that also corresponds to the test whether the situation of the person has been substantially affected."*

*Dan ifisser allura illi mill-mument ta' l-arrest ta' l-appellat meta ittiehed mill-post tal-incident lejn l-ghassa tal-pulizija huwa kellu jigi moghti l-jedd jikkonsulta ma' l- avukat tal-*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Lulju, 2019 (Appell numru: 490/2016)
[9] Deciza mill ECHR fit-28 ta' Gunju 2010 (Application no. 39660/02) (Din ir-referenza tinsab fir-raba' (4) nota' ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata)

*fiducja tieghu qabel ma jinkrimina ruhu bir-rifjut tieghu li joqghod ghat- test tan-nifs li kien qed jigi mitlub jaghmel.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs David Falzon iben George , imwieled Pieta', fil-25 ta' Awwissu, 1989, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 405789(M)'**[10] il-Qorti kkunsidrat li:

*'Illi l-aggravju ewlieni tal-appellant hu li ma nghatax id-dritt ghall-access ghal ghajnuna legali u li l-pulizija ma taw ebda twissija li dak kollu li kien ser ighid tista' tikkostitwixxi prova kontra tieghu. Din il-Qorti taqbel ma tali sottomissjoni. Madankollu, jekk jigu milqugha dawn l- aggravju u qed jigu milqugha, ma jfissirx li l-kwistjoni tieqaf hawn. Irid jigi stabbilit jekk hemm xi provi ohra li jistghu jigu addebitati lill-appellant.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Jurgen Grech iben George, imwieled Pieta', fis-16 ta' Awwissu, 1993, detentur tal-karta tal-identita' numru 365993(M)'**[11] il-Qorti ddecidiet:

*'Illi minħabba li jidher li l-Prosekuzzjoni m'avżatx lil appellant fuq id-dritt għal avukat u d-dritt li jista' jagħżel li ma jirrispondix din il-Qorti mhux ser tikkonsidra l-parti tal-affidavit ta' PS 1141 Noel Tanti fejn kiteb li l-appellant ammetta li kien qiegħed jonsob ma żijuh.'*

Ghalkemm l-appellant fl-ebda waqt ma jirrizulta li gie arrestat jew li ttiehed l-Ghassa tal-Pulizija jew id-Depot dwar dan il-kaz, tqis illi la darba l-Maggur George Attard stess xehed li kien qieghed jissuspetta li kien hemm '*xi haga hazina*' u anke ghal fatt li l-Maggur baqa jinsisti sabiex tinfetah il-kamra biswit is-sit fejn fi kliemu jghid li '*wasalt biex nghidlu illi ha nkisser il-katnazz*', kien meqjus bhala suspettat u kellu jigi infurmat dwar id-dritt li jibqa' sieket. Gialadarba ma jirrizultax li l-appellant gie infurmat dwar dan id-dritt, din il-Qorti sejra tiskarta kwalunkwe dikjarazzjoni anke jekk verbali li l-appellant setgha ghamel fejn issir referenza ghaliha kemm fl-affidavits u x-xhieda prodotti.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tikkunsidra l-ewwel aggravju. L-appellant jibda biex jitratta dwar it-tieni imputazzjoni. Din taqra s-segwenti:

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Ottubru, 2016 (Appell numru: 298/2013)
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Gunju, 2018 (Appell numru: 296/2014)

'*Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zammejt jew kellek fil-pussess tieghek aktar minn total ta' wiehed u ghoxrin (21) ghasfur tal-ghana/bghula uzati bhala ghajat u tahrik (live-decoys) waqt li kont fis-sit fejn isir l-insib, irrispettivament minn numru ta' persuni li ghandhom il-licenzja registrata fuq l-istess sett ta' mnasab bi ksur ta' kundizzjoni numru 12; bi ksur ta' regolament 12(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71), u bi ksur ta' regolament 9 tal-A.L. 253 tal-2014 hekk kif emendat (L.S. 504.124),*

L-appellant jissottometti li c-citazzjoni mhijiex korretta fejn hemm il-kliem '*sit fejn isir l-insib*' li minflokk skont it-test tal-ligi ghandu jkun hemm il-kliem '*stazzjoni minn fejn isir l-insib.*' Ghalhekk l-appellant fid-dawl tal-principju *nullum crimen sine lege*, talab li l-Qorti tara jekk l-provi kif mressqa mill-prosekuzzjoni iwasslux ghal htija kif kontemplata skond it-test ezatt kif misjub fir-regolament 7(k) tal-LS 504.124 u mhux kif kitbitha l-prosekuzzjoni fic-citazzjoni.

Din il-Qorti qieghda tinterpreta li l-fatt li c-citazzjoni tuza l-kliem '*sit fejn isir l-insib*' u mhux il-kelma 'stazzjon' huwa minhabba l-kliem uzati fil-kundizzjoni numru tnax (12) tal-'*Liċenzja Speċjali għall-Insib limitat tal-Għasafar tal-Għana fil-Ħarifa tal-2014 taħt kondizzjonijiet strettament sorveljati*' li tinsab fl-envelop a fol 7 u cioe' l-kundizzjoni li taqra:

'*Il-persuna liċenzjata ma tistax iżżomm jew ikollha fil-pussess tagħha, f'ebda ħin, aktar minn total ta' wieħed u għoxrin (21) għasfur tal-għana/bgħula użati bħala għajat u taħrik (live-decoys)* ***waqt li tkun fis-sit fejn isir l-insib****, irrispettivament minn numru ta' persuni li għandhom il-liċenzja reġistrata fuq l-istess sett ta' mnasab. Iżda il-massimu ta' għajat u taħrik minn kull speċi/bgħula ma jridx jaqbeż sebgħa. Dan ifisser li jista' jkollok sa massimu ta' 3 għajat/taħrik mis-seba' speċi/bgħula f'daqqa, jew sa massimu ta' 7 għajjat/taħrik minn tlett speċi/bgħula biss, jew kwalunkwe taħlita ta' għasafar tal- għana/bgħula basta ma taqbisx il-limitu ta' 21 b'kollox li fost dan il-limitu jista' ikun hemm mhux aktar minn 7 ta' l-istess speċi/bgħula. Dan l-ammont m'għandux jinqabeż lanqas meta il-persuna liċenzjata tkun sejra lejn jew ġejja mis-sit fejn isir l-insib.*'(Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

Il-licenzja stess taghmel distinzjoni bejn 'sit' u 'stazzjon', tant li l-kundizzjoni numru sitta (6) tipprovdi li:

'*Il-persuna liċenzjata tista' tuża biss mhux aktar minn żewġ (2) stazzjonijiet minn fejn isir l-insib reġistrati mal-Wild Birds Regulation Unit u kull stazzjon minn fejn isir l-insib*

*m'għandux ikollu aktar minn żewġ (2) mnasab minn dura waħda b'malji tax-xibka mhux inqas minn 18mm u b'daqs totali ta' mhux aktar minn 38 metri kwadri għal kull xibka:*

*Iżda jekk il-persuna liċenzjata qegħda fil-pussess kemm tal-liċenzja speċjali għall-insib tal-għasafar tal-għana kif ukoll tal-liċenzja speċjali għall-insib tal-Pluviera u Malvizz, tista' tuża xbieki b'malju ta' mhux inqas minn 18mm għall-insib tal-ispeċi kollha permessi skont il-kondizzjonijiet taż-żewġ liċenzji, iżda l-akbar daqs ta' kull xibka ma jista' qatt ikun aktar minn 38 metri kwadri. Iżda ukoll, jekk dik il-persuna li qegħda fil- pussess taż-żewġ Liċenzji Speċjali tuża stazzjon wieħed esklussivament għall-insib tal- Pluviera u/jew Malvizz u mhux għall-insib ta' l-Għasafar tal-Għana, dik il-persuna liċenzjata tista' tuża f'dan l-istazzjon tal-insib xibka b'malji mhux inqas minn 30mm u l- akbar daqs ta' kull xibka mhux aktar minn 60 metri kwadri.* '

Ghalhekk l-istazzjonijiet minn fejn isir l-insib jinsabu fis-sit. Din il-Qorti sejra tqis jekk il-liġi tuzax il-kliem 'stazzjon' jew 'sit' meta tirreferi ghal din il-projbizzjoni ta' aktar minn wiehed u ghoxrin (21) ghasfur. Filfatt licenzja fost kundizzjonijiet ohra skont l-Avviz Legali 253 tal-2014 fir-regolament 7(k) ghandha:

'*tipprovdi li n-numru totali ta' għasafar tat-taħrik u għajat **<u>f'kull stazzjon</u>** minn fejn isir l-insib m'għandux jaqbeż il- wieħed u għoxrin (21) għasfur tal-għana u, jew ibridi irrispettivament min-numru ta' persuni li għandhom il-liċenza reġistrati fuq l-istess stazzjon u tipprovdi ukoll li l-istazzjon minn fejn isir l-insib m'għandux ikollu aktar minn total ta' seba' (7) għasafar tat-taħrik u għajat mill-istess speċi ta' għasfur tal- għana u, jew ibridi tagħhom;*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti).

L-istess Avviz Legali jiddifenixxi "*sit minn fejn isir l-insib*" jew "*sit*" bhala "*dik iż-żona mmarkata b'mod ċar fuq mappa approvata mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi skont ir-regolament 5(4) ta' dawn ir-regolamenti u reġistrata mal-Kummissajru tal-Pulizija u li m'għandhiex aktar minn żewġ (2) stazzjonijiet minn fejn isir l-insib għal kull liċenza;*'

"*stazzjon minn fejn isir l-insib*" kif jiprovdi dan l-Avviz Legali huwa '*il-periferija ġewwa s-sit tal-insib li tikkonsisti f'mhux aktar minn żewġ imnasab minn dura waħda, b'kull xibka ta' daqs ta' mhux aktar minn 38 metru kwadru, u l-istazzjon minn fejn isir l-insib jista' jkun*

*reġistrat fuq persuna waħda jew aktar li jkollha l-liċenzja, u ż-żewġ imnasab ikunu immarkati individwalment fuq il-mappa approvata;*'. Ghalhekk ghalkemm kemm il-kundizzjoni numru tnax (12) u anke t-tieni imputazzjoni tirreferi ghas-'*sit fejn isir l-insib*', il-projbizzjoni ta' aktar minn wiehed u ghoxrin (21) live-decoys skont it-test tal-ligi u cioe' skont ir-regolament 7(k) tal-Avviz Legali 253 tal-2014 huwa fl-istazjonijiet u cioe' fejn ikun hemm il-mansab.

Interessanti huwa dak li tiprovdi l-kundizzjoni numru erbatax (14) fil-licenzja in kwistjoni u cioe' li '*Meta, waqt verifika fuq is-sit, l-għadd ta' għasafar li jinstabu fil-pussess tal-persuna liċenzjata jkun għola minn dak kif provdut f'kondizzjoni 12 ta' din il-liċenzja, kull għasfur li jinstab li jkun ogħla mill-għadd imsemmi jitqies li jkun għasfur li jkun ġie maqbud mill-persuna bil-liċenzja f'dik l-istess ġurnata, minkejja li dak l-għasfur jista' jkollu ċurkett fuqu skont ir-regolament 7(k) tal-L.S. 504.124.*' Ghalhekk jekk jinstab ammont akbar minn wiehed u ghoxrin (21), id-differenza fl-ammont ta' ghasafar jigu kkunsidrat li nqabdu dak in-nhar.

L-appellant jissottometti li sabiex tirrizulta t-tieni imputazzjoni, il-prosekuzzjoni kellha tipprova mhux biss numru ta' ghasafar li huwa iktar minn wiehed u ghoxrin (21) izda kellha wkoll tipprova li tali ghasafar izjed minn wiehed u ghoxrin (21) kienu qeghdin fuq l-istazzjoni minn fejn isir l-insib. Skont l-appellant, mill-provi, l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova li kien hemm madwar sittin (60) ghasfur tal-ghana go kamra maghluqa u mhux fuq il-mansab uzat bhala ghajjat jew live-decoys. L-appellant jissottometti li kellu jigi ppruvat li kellu iktar minn wiehed u ghoxrin (21) ghasfur f'kull stazzjon minn fejn isir l-insib. Jissottometi li l-kamra ma taqax fid-definizzjoni ta' stazzjoni. Skont l-appellant, fin-nuqqas ta' prova dwar kemm kien hemm ghasafar fuq barra, jekk kien hemm, fid-dawl tal-fatt li l-unika prova li ressqu l-pulizija kienet li kien hemm sittin (60) ghasfur go kamra maghluqa u mhux fuq l-istazzjoni tal-insib, u fid-dawl ta' provi in difesa li urew li dawn l-ghasafar kienu ta' tlett persuni u mhux tal-appellant, l-appellant itenni li t-tieni imputazzjoni ma gietx pruvata skond il-grad rikjest mil-ligi u li ghandu jigi liberat minnha.

Din il-Qorti tissottolinea li d-difiza kienet fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) quddiem din il-Qorti irrinunzjat ghax-xhieda taghha u ghalhekk kwalunkwe provi in difesa li l-appellant setgha ressaq viva voce ma

jistghux jittiehdu in konjizzjoni minn din il-Qorti gialadarba x-xhieda moghtija quddiem l-Ewwel Qorti mhijiex dattiografata u stante li dawn ma tressqux quddiem din il-Qorti.

Ikkunsidrat;

PC804 Leonard Formosa xehed permzz ta' affidavit li tinsab a fol 8 li '*jiena hu Maggur osservajna zewg persuna hdejn mansab jigbru xi ghasafar tal-ghana, meta ahna avvicnjana hdejhom hu staqsejna min kienet il-persuna responsabbli li kienet qeda tonsob certu Louis Galea...*' Jghid li fil-kamra kien hemm diversi ghasafar tal-ghana li kienu madwar sittin (60). P.C. 633 Christopher Bartolo jghid li '*fil waqt li jien kont qed nikteb id dettalji ta nassab. f dak il mumment f distanza vizibli u spjegabli stajt nifhemm li il kolegi tijej sabbu xi ksur tal ligi, ghalek hafift nigri fuq ilpost mal kolegi tijej u rajt zewg persuni li wiehed minnhom kien qed jonsob li kien certu, louis galea*' Jghid li '*tlabnieh jiftah il karma li kellu bizwit il karma cioe dura min fejn jonsob...*' Jghid li fil-kamra '*kien hemm varjazjoni ta ghasafar ta l-ghana bl ammont ta 60 ghasfur.*' Meta xehed il-Maggur George Attard fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed li '*konna qed niccekkjaw persuna u erba, hames ghelieqi l-oghod, rajna zewg persuni jigbru l-ghasafar, jaqbdu l-ghasafar minn fuq il-mansab u jdahluhom f' kamra u bdew jaghmluha ripetutament. Jiena ssuspettajt illi kien hemm xi haga hazina, tlaqt nigri fuq il-post u sakemm wasalt fuq il-post, il-mansab sibtu minghajr ghasafar, jigfieri kien armat, miftuh u kollox. Iz-zewg persuni, l-imputat u persuna ohra kienu bilqeghda fil-vettura u l-kamra maghluqa.*' Fil-kamra '*kien hemm l-ghasafar kollha mferxin bl-addocc.*' In kontro-ezami ikkonferma li jista' jkun li fil-kamra kien hemm cooker, sink, xi saqqu u li fiha diversi oggetti. Ikkonferma li mhux id-dura. Hija kamra mahluqa bil-bieb tal-hadid.

Ghalhekk jirrizulta li l-Maggur George Attard ra zewg persuni jaqbdu l-ghasafar minn fuq il-mansab ghal gol-kamra ripetutament. Jirrizulta li l-Maggur ra zewg persuni jaghmlu dan. Irrizulta ukoll li fil-kamra instabu madwar sittin (60) ghasfur. L-appellant jibbaza d-difiza fuq diversi binarji u cioe' li ma giex ippruvat li dawn is-sittin ghasfur kienu kollha tal-appellant tant li l-prosekuzzjoni stess tghid li kien hemm persuna ohra. Apparti minn dan, lanqas ma gie ippruvat li kien hemm sittin (60) ghasfur fuq l-istazzjoni u cioe' sabiex isir l-insib. Is-sittin (60) ghasfur instabu f'kamra u mhux fuq il-mansab. Ghalkemm jezisti s-suspett jew il-possibilta' li l-ghasafar li instabu fil-kamra kienu kollha fuq l-istazzjon bhala live-decoys qabel ma

ddahhlu fil-kamra, dan il-fatt u cioe' l-appellant kellu aktar minn wiehed u ghoxrin (21) ghasfur fil-pussess tieghu jintuzaw bhala live decoys irid jigi ppruvat minghajr dubju dettat mir-raguni.

Kif ikkunsidrat, ghalkemm l-imputazzjoni tirreferi ghas-'*sit ta' fejn isir l-insib*', la darba din il-kundizzjoni titkellem dwar live-decoys, dawn l-ghasafar iridu jkunu fuq il-mansab u cioe' fl-istazzjon ta' fejn ikun qieghed isir l-insib sabiex ikunu kkunsidrati bhala live-decoys. Stanley Gatt li xehed quddiem din il-Qorti fis-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2017) spjega li dan il-limitu ta' wiehed u ghoxrin (21) ghasfur ikunu '*Imdawwrin mall-mansab*' u li jintuzaw bhala live-decoys. Dak li jrid jigi ippruvat huwa li kien hemm aktar minn wiehed u ghoxrin (21) ghasfur jintuzaw bhala live-decoys u ghalhekk mal-mansab.

Dwar l-oneru tal-provi li l-prosekuzzjoni trid tilhaq, din il-Qorti taghmel referenza

ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Muscat</u>**

**<u>(I.D.265257M)'</u>**[12] fejn gie kkunsidrat li:

*'Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt.*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal- Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija v Philip Zammit</u>***

[12] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-11 ta' April, 2017 (Kump Nru: 455/13)

***et'*** *u tghid pero' mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li 'dubju jkun dak dettat mir-raguni.' Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '****Il-Pulizija vs Peter Ebejer****', dik il-Qorti fakkret li l- grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id- dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz '****Miller vs Minister of Pension****' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

*Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader' hemm referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet '****Teper v The Queen****' [1952] AC 480, 489.*

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

*Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '****Il-Pulizija v Joseph Gauci et****', li:*

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

*Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi*

*ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir- reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.*

*Din il-Qorti fortunatament qieghda f'posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghalkemm il-process ma kienx quddiemha minn dejjem, kienet hi li ghexet il-process u semghet ix-xhieda kollha tul medda ta' zmien u cioe' tisma' viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha specjalment dawk li xehdu in kontro-ezami.'*

Ghallhekk ghalkemm wiehed jista' jissuspetta li l-ghasafar kollha li instabu fil-kamra kienu kollha precedentement fuq il-mansab jintuzaw bhala live-decoys, suspetti ma ghandhomx post fil-kamp penali u ghalhekk ma jistax jinghad li gie ippruvat minghajr dubju detat mir-raguni li l-appellant kellu fil-pussess tieghu aktar minn total ta' wiehed u ghoxrin (21) ghasfur tal-ghana/bghula uzati bhala ghajat u tahrik u cioe' live-decoys. Minghajr ma din il-Qorti tghaddi biex tikkunsidra jekk giex ippruvat jekk dawn l-ghasafar kienux fil-pussess tal-appellant u dan peress li ix-xhieda jikkonfermaw li raw persuna ohra, jibqa' l-fatt li anke jekk irrizulta li kien hemm aktar minn sittin (60) ghasfur fil-kamra, ma giex ippruvat li s-sittin (60) ghasfur u cioe' aktar minn wiehed u ghoxrin (21) ghasfur intuzaw bhala live decoys.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tilqa' dan il-parti tal-appell u tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ta' din it-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel imputazzjoni taqra:

*'Talli nhar l-20 ta' Dicembru, 2014 ghall-habta tal-10:10am fl-inhawi tal-Imtahleb u f' dawn il-Gzejjer waqt stagun miftuh hadt, jew ipprovajt tiehu b' xi mezz, xi ghasfur meta ma ssodisfajtx il-kundizzjonijiet kollha specifikati fil-Licenzja Specjali ghall-insib limitat tal-Ghasafar tal-Ghana fil-Harifa tal-2014 mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi u f' kull ligi ohra u cioe' instab fuq sit/i li ma giex approvat/i mill-Wild*

*Birds Regulations Unit bi ksur ta' kundizzjoni numru 5 bi ksur ta' regolament 12(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71), u bi ksur ta' regolament 9 tal-A.L. 253 tal-2014 hekk kif emendat (L.S. 504.124);'*

L-appellant jissottometti li ghalkemm din l-imputazzjoni hija dwar insib f'sit li mhux approvat mill-WRBU, ma ttella l-ebda xhud tal-WBRU sabiex jixhed dwar is-sit in kwistjoni fejn instab l-appellant, u/jew dwar liema huwa s-sit approvat li minnu Louis Galea seta' jonsob. Ic-citazzjoni bhala lok issemmi ''*fl-inhawi tal-Imtahleb u f'dawn il-gzejjer*'. Jissottometti li t-tlett ufficjali tal-Pulizija ma jidentifikawx il-post bl-ezatt fejn marru jaghmlu l-ispezzjoni, izda juzaw biss il-kliem fl-'*inhawwi tal-Mtahleb*'. Jissottometti li l-prosekuzzjoni kellha tressaq iz-zewg provi u cioe' li kellu permess li jonsob f'zona A u instab f'zona B per ezempju. Din il-Qorti tenut kont ta' dak li qieset aktar kmieni f'din is-sentenza mhijiex sejra tqis kwalunkwe dikjarazzjoni maghmulha mill-appellant skont ma jirrizulta fl-affidavits ipprezentati u x-xhieda. PC 633 Christopher Bartolo fl-affidavit tieghu ddikjara li il-kollegi tieghu fakru lil Louis li granet qabel kien ga gie imwissi li ma setax ihalli l-ghasafar fil-kamra fejn ikun hemm persuna ohra tonsob fuq is-sit registrat mal-WBRU. A fol 12 gew ipprezenti screen shots fuq google maps fejn fuq l-ewwel ritratt hemm miktub 'BUSKETT' u fuq it-tieni 'BLATA TAL MELH'.

Fl-envelop li jinsab a fol 7 giet ipprezentat ukoll dokument bi pjanta fejn hemm indikat il-parcel ID, CSP ID u isem id-dikjarant u cioe' Louis Galea. Ghalhekk din il-Qorti tqis li huwa is-sit indikat f'din il-pjanta li tinsab fl-envelop a fol 7 li l-appellant kien irregistrat fuqu, jekk din il-pjanta kienet annessa mal-licenzja. Fuq l-istess dokument hemm indikat numru ta' informazzjoni tal-uzu tal-art fosthom l-art li tista' inhadem, l-art/element li mhux eligibli. Mill-provi prodotti ma jirrizultax ezattament fejn instab l-appellant ghajr li fl-inhawi tal-imtahleb. Ma jirrizultax lanqas jekk is-sit li jidher fil-pjanta li tinsab a fol 7 jinsabx fl-Imtahleb. Ghalkemm l-iscreen shorts a fol 12 huma immarkati, ma jirrizultax minn min gew immarkati u x'jindikaw ic-crieki u l-marka 'X' fuq dawn il-mapep. Dan jista' jaghti l-kaz li huwa minhabba l-fatt li xhieda tax-xhieda prodotti quddiem l-Ewwel Qorti ma hijiex dattilografata u ghalhekk setghu gew immarkati waqt li x-xhieda xehdu quddiem l-Ewwel Qorti.

Minghajr ma din il-Qorti ikollha x-xhieda quddiemha, ma tistax tqis jekk dan huwiex fejn instab l-appellant jew fejn kien registrat. Il-Maggur George Attard quddiem din il-Qorti diversament preseduta xehed li '*Meta tlabtu l-licenzja rrizultali li ma' kienx irregistrat fuq dak il-mansab biex jonsob fuq dak il-mansab.*' Ma jirrizultax izda jekk dan il-fatt giex kkonstatat abbazi ta' dak li ddikjara l-appellant li kif gia gie kkunsidrat huwa inammissibli jew abbazi ta' prova ohra. Stanley Gatt li xehed quddiem din il-Qorti spjega li huwa ma kienx mar fuq is-sit u fost spjegazzjoni ohra xehed ukoll li ma jafx fejn kien l-appellant.

Il-hames (5) kundizzjoni tal-licenzja in kwistjoni u cioe' dik li tinstab fl-envelop a fol 7 tipprovdi li '*L-insib huwa awtorizzat biss fuq dak/dawk is-sit/siti li ġie/ġew reġistrat/i u approvat/i mill-Wild Birds Regulation Unit u li ġew ippreżentati ma' l-applikazzjoni għal din il- liċenzja mill-persuna liċenzjata. Ma jistax isir insib minn fuq sit/i oħra. Il-mapep kollha li jikkorrispondu ma' dawn is-siti tal-insib awtorizzati jridu jiġu annessi mal-Liċenzja Generali tal-Insib (Carnet de Chasse 2014–15). Din il-liċenzja hija kkunsidrata mhux valida jekk din/dawn il-mappa/mapep ippreżentata/i mal-applikazzjoni għal din il-liċenzja ma tkunx/ikunux annessi.*'. Ghalhekk l-prosekuzzjoni kellha tipprova fejn instab l-appellant u li s-sit fejn instab ma huwiex registrat fuq l-appellant. Huwa minnu li umbghad tinkombu fuq l-appellant il-prova fuq bazi ta' probabilita' li huwa kien fuq sit registrat f'ismu, izda hija l-prosekuzzjoni li l-ewwel trid tiprova l-kaz taghha. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs. Paul Grech'</u>**[13] gie kkunsidrat li:

'*Illi PS 369 Joseph Mizzi kien car fix-xiehda tieghu meta huwa xehed li l-Pulizija jindikaw bil-highlighter il-post li jigi ndikat lilhom ta' fejn ghandu jsir l-insib. Minn Dok. "C" ezebit mal-affidavit ta' PC 691 Juan Mula Debono u kif ukoll minn Dok. "JM 1" ezebiet minn PS 369 Joseph Mizzi jidher car li l-imputat kien irregistra li kellu jonsob fil-parti indikata bir-roza f'Dok. "C" u f'dik il-parti indikata bl- orangjo f'Dok. "JM 1", li huma l-istess. Gialadarba gie pruvat li l-imputat nstab fil-parti ndikata bl-ahdar f'Dok. "C" ezebiet mal-affidavit ta' PC 691 DeBono m'hemmx dubju li jirrizulta pruvat li l-imputat ma kienx qed jonsob fil-post fejn huwa kien irregistra li kien ser jonsob. B'hekk l- imputat ser jigi misjub hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.*'

[13] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriinali fl-24 ta' Settembru, 2013 (Numru: 944/2012)

Gialadarba ma tressaq l-ebda xhud mill-prosekuzzjoni biex jindika ezattament fejn fl-inhawi tal-Imtahleb instab l-appellant u fuq liema sit l-appellant kien registrat, din il-Qorti tqis li ma giex ippruvat fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni li l-appellant instab jew kien qieghed jonsob f'sit mhux registrat fuqu u ghalhekk lanqas ma gie ippruvat ksur tal-hames kundizzjoni tal-'*Liċenzja Speċjali għall-Insib limitat tal-Għasafar tal-Għana fil-Ħarifa tal-2014 taħt kondizzjonijiet strettament sorveljati*'.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tilqa' dan l-aggravju u tirrevoka ukoll fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni. Stante li din il-Qorti sejra tirrevoka fejn il-Qorti sabet htija, din il-Qorti mhijiex sejra tikkunsidra l-aggravju dwar il-piena.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata kemm fil-htija kif ukoll fil-piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur